Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 20/2014

**Elda Francesca Busalacchi** **(appellanti)**

**Vs**

**Aria Chartering Limited** **(appellata)**

12 ta' Ottubru, 2016.

1.Ir-rikorrenti appellat minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-1 ta' Awissu 2014 fejn iddikjara li m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment ta' tkeccija mill-impieg, li r-rikorrenti tallega li kienet ingusta. It-Tribunal qal:

*"(c) ra l-provvedimenti tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) u senjatament l-Artikolu 39 li jeskludi mill-gurisdizzjoni tal-istess Tribunal bahrin impiegati fuq bastimenti skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234).*

*(d) ra d-definizzjoni ta' bahri (Artikolu 2) fl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234)*

*Ghaldaqstant jiddeciedi li dan il-kaz ma jaqax fil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal."*

2.L-aggravju tar-rikorrenti hu li gialadarba fil-kuntratt ta' impieg tal-20 ta' Frar 2011 jinghad li, *"7 All other conditions shall be regulated by the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452 of the Laws of Malta), as amended and any other applicable Law"*, il-provvedimenti tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234) ma japplikawx.

3.L-appellata wiegbet li:

i. L-Artikolu 99(1) tal-Kap. 234 jipprovdi li kaptan jista' jitnehha minn sid ta' bastiment, u kull ftehim kuntrarju ma jkollux effett.

ii. Il-Kap. 234 ma jaghmel l-ebda riferenza ghal Kap. 452.

iii. Materja ta' kompetenza ta' Tribunal hi ta' ordni pubbliku u ghandha tigi sollevata *ex officio*.

iv. Irrispettivament ta' x'hemm fi klawzola 7 tal-kuntratt ta' impieg, il-Kap. 234 japplika ghal kull ingagg ta' kaptan u bahri.

v. Il-kompetenza ta' Tribunal jew qorti ma tistax titwarrab permezz ta' ftehim bejn il-partijiet.

4.Skond l-Artikolu 39 tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali:

*"Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 36,37 u 38 ma ghandhomx jghoddu* ***ghall-bahrin impjegati fuq bastimenti skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili***[1]*; u fil-kaz li xi disposizzjonijiet tal-imsemmi Att ma jkunux jaqblu mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ghandhom jghoddu dawk tal-imsemmi Att."*

5.Il-kompetenza ta' Tribunal jew qorti tigi determinata mil-ligi u mhux minn dak li jiftehmu l-partijiet f'kuntratt ta' impieg. Fil-fatt l-Artikolu 116 tal-Kap. 234 jipprovdi:

*"Fil-limitu li xi pattijiet jew kundizzjonijiet adottati mill-partijiet f'kuntratt mal-ekwipagg ikunu jmorru kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att f'dak li ghandu x'jaqsam ma' pagi u kundizzjonijiet ta' impieg ta' bahrin u ta' kaptani abbord bastimenti, dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet ma jkollhom ebda effett u ghandhom jitqiesu li jkunu japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att."*

6.Fil-kaz ta' bahrin impjegati fuq bastimenti skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 452, l-Artikolu 39 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) jeskludi l-applikazzjoni tal-artikoli 36, 37 u 38 tal-Kap. 452 li jitrattaw dwar l-avviz u kumpens ghal temm ta' kuntratt ta' impieg ghal zmien definit jew bla limitu, *redundancies kollettivi*, u trasferiment ta' negozju. Jipprovdi wkoll li f'kaz ta' kunflitt bejn il-provvedimenti tal-Kap. 452 u l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234), ghandhom jghoddu d-disposizzjonijiet tal-Kap. 234.

7.Skond l-Artikolu 75(1) tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali:

*"**Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra**, it-Tribunal Industrijali jkollu l-**gurisdizzjoni eskluziva** li jikkunsidra u jiddeciedi –*

(a) *Il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta; u*

(b) *Il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu."*

8.Il-qorti ma taqbilx mat-Tribunal Industrijali li l-Artikolu 39 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jeskludi ghal kollox il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali fejn si tratta ta' bahrin impjegati fuq bastiment. Dik m'hijiex disposizzjoni generali li teskludi l-gurisidizzjoni ghal kull tilwima li fiha jkun involut bahri. Fil-fatt l-Artikolu 75(1) jaghti l-gurisidizzjoni lit-Tribunal Industrijali f'kaz ta' tkeccija ingusta, ***"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra….."***

9.Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ssostni li tkecciet ingustament[2] peress li l-principal qalilha li r-raguni ghat-temm ta' impieg kien minhabba li l-bastimet MY Aria kien ser jinbiegh[3], meta fir-realta' ma nbieghx.

10. Fil-kaz ta' bahrin[4], il-kuntratti ta' mpieg li hemm riferenza ghalihom fil-Kap. 234 u huma regolati minn dik il-ligi, huma **kuntratti mal-ekwipagg** (Artikolu 113[5]). Il-

[1] Fit-test Ingliz: *"…..under the provisions of the Merchant Shipping Act…."*
[2] Skont il-kuntratt ta' impieg iffirmat tal-20 ta' Frar 2011, ir-rikorrent kienet giet impjegata biex tahdem bhala stewardess fuq il-bastiment MY Aria.
[3] Mill-kuntratt ta' impieg jirrizulta li r-rikorrent kien gie ngaggat mis-socjeta intimata sabiex ikun il-kaptan fuq il-bastiment MY Aria.
[4] Skont l-Artikolu 2, 'bahri', *"… tinkludi kull persuna (barra minn kaptani, bdoti u apprendisti) impjegati jew imqabbdin fi kwalunkwe kariga abbord ta' bastiment."*

kuntratt ta' impieg li ffirmat ir-rikorrenti ma kienx mal-kaptan tal-bastiment izda mas-socjeta appellata. Ghalhekk ma jistax jinghad li hu kuntratt mal-ekwipagg. Il-fatt wahdu li persuna tigi mpjegata fuq bastiment m'huwiex bizzejjed. Tant hu hekk li l-Artikolu 39 jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 36, 37 u 38 f'kaz li l-impieg isir skond id-disposizzjoni tal-Kap. 234.

11. Fil-kaz in ezami ghandu japplika l-Artikolu 75 tal-Kap. 452 li jipprovdi li t-Tribunal Industrijali ghandu l-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jikkunsidra u jiddeciedi il-kaz fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta. Inoltre, fil-Kap. 234 ma jidhirx li hemm disposizzjoni li tipprovdi espressament li kwistjoni ta' tkeccija ingusta taqa' fil-gurisdizzjoni esklussiva tal-qorti[6].

**Ghal dawn il-motivi thassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-1 ta' Awissu 2014 u filwaqt li tiddikjara li ghandu l-kompetenza sabiex jikkunsidra u jiddeciedi l-kaz, tordna li l-atti jintbghatu lura quddiemu sabiex jissokta bis-smigh tal-kaz. Spejjez taz-zewg istanzi huma a karigu tas-socjeta intimata.**

Anthony Ellul.

---

[5] *"Il-kaptan ta' kull bastiment malti, hlief dawk li jbahhru biss hdejn l-ixtut ta' Malta, ghandu jaghmel kuntratt skond dan l-Att ma' kull bahri li jbahhar mieghu bhala wiehed mill-ekwipagg minn kull port."*

[6] Saret din l-osservazzjoni minhabba li l-Artikolu 39 tal-Kap. 452 jipprovdi: *"….. u fil-kaz li xi disposizzjonijiet tal-imsemmi Att ma jkunux jaqblu mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ghandhom jghoddu dawk tal-imsemmi Att."*